# In-numru ta' viżitaturi fir-riservi naturali ta' BirdLife Malta jilħaq livelli rekord wara ż-żieda fil-ħinijiet tal-ftuħ għall-pubbliku

## Wara staġun mimli daqs bajda, ir-riservi issa jieħdu pawsa mistħoqqa għas-sajf. Din is-sena se jerġgħu jiftħu xahrejn qabel is-soltu bl-istess ħinijiet estiżi tal-ftuħ

Wara staġun mimli daqs bajda li matulu kienu introdotti ħinijiet estiżi tal-ftuħ għall-pubbliku li fissru żieda ta' kważi 2,000 viżitatur għal rekord ta' aktar minn 12,000 persuna, din il-ġimgħa r-riservi naturali ta' BirdLife Malta jagħlqu għall-btajjel tas-sajf.

Ir-riservi huma zoni ekoloġikament importanti fejn tingħata prijorità lill-bijodiversità u n-natura, u primarjament huma mmirati li jipprovdu kenn u post ta' mistrieħ għall-għasafar tal-passa. Jinżammu magħluqin matul ix-xhur tas-sajf sabiex il-gwardjani li jimmaniġġjawhom ikunu jistgħu jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u titjib fil-ħabitat f'dawn is-siti. Il-pjan hu li fix-xhur li ġejjin isir xogħol ta' titjib fil-mogħdijiet naturali u l-passaġġi fir-riservi, fost l-oħrajn bl-installazzjoni ta' faċilitajiet ġodda bħal information panels għall-viżitaturi, kif ukoll xogħol fiz-zoni fejn hemm l-għadajjar bl-iskop li jittejjeb il-ħabitat fejn jinżlu jieklu u jfittxu kenn l-għasafar li jkunu qed ipassu.

L-istaġun li għadda kien wieħed partikolarment impenjattiv għar-riservi ta' BirdLife Malta, bi żjarat kuljum mill-iskejjel fi skeda li kienet fully-booked għax-xhur kollha tas-sena skolastika, numru kbir ta' attivitajiet, u fuq kollox l-introduzzjoni ta' ħinijiet estiżi tal-ftuħ li kienu popolari ħafna mal-pubbliku li seta' jżur dawn is-siti naturali waranofsinhar f'numru ta' ġranet tal-ġimgħa.

Matul l-istaġun minn Ottubru 2018 sa Mejju 2019 żaru r-riservi naturali xejn inqas minn 12,030 membru tal-pubbliku li minbarra li huwa rekord, ifisser żieda ta' kważi 2,000 viżitatur meta mqabbel mal-istess perjodu s-sena ta' qabel. Minn dan l-ammont, 4,813 kienu tfal tal-iskola waqt li l-kumplament (7,217) kienu familji u individwi li żaru r-riservi. 1,148 minn dawn tal-aħħar (16%) żaru r-riservi matul il-ħinijiet il-ġodda tal-ftuħ matul il-ġimgħa.

Fil-fatt, nistgħu nħabbru minn issa li wara dawn ir-riżultati inkoraġġanti se nkunu qed inżommu l-ħinijiet il-ġodda tal-ftuħ meta r-riservi jerġgħu jiftħu wara s-sajf. Aktar minn hekk, ir-riservi din is-sena se jerġgħu jiftħu għall-pubbliku bl-iskeda eżistenti aktar kmieni mis-soltu, fil-bidu ta' Settembru minflok f'Novembru. Dan ifisser li r-riservi se jkunu magħluqin biss għall-perjodu Ġunju-Awwissu, u se jiftħu mill-ġdid wara l-pawsa tas-sajf xahrejn qabel meta mqabbel mas-snin li għaddew.

Mill-bidu ta' Settembru, ir-Riserva Naturali tal-Għadira terġa' tibda tiftaħ kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis mis-2pm sas-7pm, u s-Sibtijiet u l-Hdud mill-10am sal-4pm. Ir-Riserva Naturali tas-Simar tiftaħ nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa bejn is-2pm u s-7pm, u kull nhar ta' Ħadd bejn l-10am u l-4pm.

Nixtiequ nfakkru lill-pubbliku li l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Foresta 2000 u tar-Riserva Naturali tas-Salina ma jinbidlux tul l-istaġun tas-sajf. Il-Foresta 2000 tkun miftuħa s-sena kollha u hija aċċessibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Ir-Riserva Naturali tas-Salina wkoll tkun miftuħa għall-pubbliku kuljum bil-viżitaturi jkunu jistgħu jimxu bil-libertà kollha tul parti mis-sit bejn it-Tnejn u l-Hadd (minn April sa Settembru bejn is-7am u t-8pm, minn Ottubru sa Marzu bejn is-7am u s-6pm). Apparti minn hekk, iċ-ċentru tal-viżitaturi fis-Salina jibqa' miftuħ anke matul is-sajf mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8am u 12pm.

Id-dħul għar-riservi kollha se jibqa' bla ħlas u m'hemmx il-ħtieġa li wieħed jibbukkja biex iżurhom. Madanakollu, napprezzaw kull donazzjoni li tmur għaż-żamma ta' dawn ir-riservi naturali importanti.

It-tmexxija tar-riservi tħabbar ukoll li wara l-btajjel tas-sajf, se terġa' tkun ipprovduta wkoll l-opportunità lill-fotografi li jibbukkjaw waħda miż-żewġ ħajds tal-fotografija fl-Għadira minn fejn jistgħu jiġbdu ritratti mill-isbaħ tal-għasafar fir-riserva. Anke dan is-servizz ġdid – li wkoll kien introdott tul l-istaġun li għadda – kien popolari ħafna u se jerġa' jiġi offrut.

Dawk li jixtiequ jibbukkjaw sessjoni ta' siegħa f'din il-faċilità se jkunu jistgħu jerġgħu jagħmlu dan minn Settembru meta r-riservi jerġgħu jiftħu għall-pubbliku wara s-sajf. Bħal qabel, is-sessjonijiet ta' siegħa se jkunu disponibbli fl-istess jiem meta l-Għadira tkun miftuħa għall-pubbliku: it-Tnejn u l-Hamis bejn is-2pm u s-6pm, u s-Sibt bejn l-10am u t-3pm. Min ikun jixtieq jibbukkja jista' jibgħat email fuq photography@birdlifemalta.org.

Aktar informazzjoni dwar ir-riservi naturali ta' BirdLife Malta tista' tinkiseb minn hawn, inkella mill-paġni tal-Facebook tar-riservi rispettivi. Wieħed jista' jżur ukoll il-paġna tal-attivitajiet fuq is-sit elettroniku tagħna biex iżomm ruħu aġġornat mal-attivitajiet li norganizzaw minn żmien għal żmien.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-PdTKCCphxX (kollha bil-captions u l-credits)**

1-5. Ritratti meħudin waqt attivitajiet differenti fir-riservi ta' BirdLife Malta
6-12. Ritratti ta' speċi differenti ta' għasafar fir-riservi naturali

**Niżżel il-filmati minn hawn (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

1. Waħda mill-attivitajiet riċenti li saru fl-Għadira għall-Malta Girl Guides
2. Il-passa tal-għasafar fir-riservi tagħna matul din ir-rebbiegħa
3. L-attività annwali Easter EggCitement li saret f'Sibt il-Għid fis-Simar
4. Il-Gallozz Iswed isir l-ewwel għasfur li jbejjet fis-Salina din is-sena

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Ingħaqad ma' BirdLife Malta
- Agħti donazzjoni lil BirdLife Malta
- Żomm ruħek aġġornat mal-attivitajiet tagħna